IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

# Stqarrija għall-Istampa

**Il-Lussemburgu, l-20 ta’ Marzu 2018**

## Is-Sħubiji Pubbliċi-Privati tal-UE jippreżentaw nuqqasijiet li huma mifruxa u l-benefiċċji tagħhom huma limitati, jgħidu l-Awdituri

**Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, is-Sħubiji Pubbliċi-Privati (PPPs) kofinanzjati mill-UE ma jistgħux jitqiesu bħala possibbiltà ekonomikament vijabbli għall-forniment ta’ infrastruttura pubblika. Il-PPPs li ġew awditjati ppreżentaw nuqqasijiet li kienu mifruxa u l-benefiċċji tagħhom kienu limitati, bir-riżultat li EUR 1.5 biljun intnefqu b’mod ineffiċjenti u ineffettiv. Barra minn hekk, il-valur għall-flus u t-trasparenza ġew kompromessi b’mod wiesa’, partikolarment minħabba politika u strateġija mhux ċari, l-analiżi inadegwata, ir-reġistrazzjoni tal-PPPs bħala entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, u l-arranġamenti mhux bilanċjati għall-kondiviżjoni tar-riskju.**

Bejn is-sena 2000 u l-2014, l-UE pprovdiet EUR 5.6 biljun għal 84 PPP, bi spiża totali ta’ EUR 29.2 biljun għall-proġetti. L-awdituri eżaminaw 12-il PPP kofinanzjati mill-UE fi Franza, fil-Greċja, fl-Irlanda u fi Spanja fl-oqsma tat-trasport bit-triq u tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), bi spiża totali ta’ EUR 9.6 biljun u kontribuzzjoni mill-UE ta’ EUR 2.2 biljun. B’mod ġenerali, huma sabu li l-PPPs ippermettew lill-awtoritajiet pubbliċi jakkwistaw infrastruttura fuq skala kbira permezz ta’ proċedura unika, iżda dawn is-sħubiji żiedu r-riskju ta’ kompetizzjoni insuffiċjenti, u għalhekk dgħajfu l-pożizzjoni ta’ negozjar tal-awtoritajiet kontraenti.

Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-PPPs li ġew awditjati kienu suġġetti għal nuqqas konsiderevoli ta’ effiċjenza matul il-kostruzzjoni tagħhom, b’sebgħa mid-disa’ proġetti kkompletati – li l-ispiża tagħhom kienet tikkorrispondi għal EUR 7.8 biljun – jesperjenzaw dewmien li laħħaq sa 52 xahar u żidiet kbar fl-ispejjeż.

“Fondi pubbliċi addizzjonali ta’ kważi EUR 1.5 biljun kienu meħtieġa biex jiġu kkompletati l-ħames awtostradi li ġew awditjati fil-Greċja u fi Spanja. *L-UE pprovdiet madwar 30 % ta’ dan l-ammont (EUR 422 miljun)”*, **qal Oskar Herics, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport**. “Dawn il-fondi ntnefqu b’mod ineffettiv billi l-benefiċċji ekonomiċi potenzjali ma nkisbux.”

***L-iskop ta’ din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.***
*Ir-rapport sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.*


# ECA Press

**Mark Rogerson – Kelliem T: (+352) 4398 47063 M: (+352) 691 55 30 63**
**Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa T: (+352) 4398 45410 M: (+352) 621 55 22 24**
**12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg**
**E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu**

Fil-Greċja (bil-bosta r-riċevitur ewlieni ta’ kontribuzzjonijiet mill-UE, b’ammont ta’ EUR 3.3 biljun jew 59 % tat-total), il-kost għal kull kilometru tat-tliet awtostradi li ġew eżaminati tela’ b’mod qawwi b’sa 69 %, filwaqt li l-iskala ta’ dawn il-proġetti tnaqqset konsiderevolment b’sa 55 %. Ir-raġunijiet prinċipali għal dan l-infiq ineffettiv kienu li kellhom jiġu koperti d-defiċits fil-finanzjament ikkawżati min-negozjar mill-ġdid ta’ kuntratti ta’ PPP, li l-proġetti ma tħejjewx tajjeb biżżejjed mis-sħab pubbliċi u, jerġa’ aktar kruċjali, il-fatt li l-kuntratti ma’ konċessjonarji privati ġew iffirmati qabel ma kienu ġew solvuti l-problemi rilevanti.

L-awdituri sabu li l-analiżijiet li saru qabel kienu bbażati fuq xenarji ottimisti żżejjed. B'riżultat ta' dan, l-utilizzazzjoni reali kienet inqas b’sa 69 % milli previst għall-ICT (fl-Irlanda) u b’sa 35 % għall-awtostradi (fi Spanja). Għall-biċċa l-kbira mill-proġetti li ġew eżaminati, il-PPPs kienu ntgħażlu mingħajr ma twettqet analiżi komparattiva qabel tal-alternattivi, u għaldaqstant ma ġiex iddimostrat li l-PPP magħżula kienet qed timmassimizza l-valur għall-flus u tipproteġi l-interess pubbliku.

Ta’ spiss, l-allokazzjoni tar-riskji bejn is-sħab pubbliċi u dawk privati ma kinitx xierqa, koerenti jew effettiva, filwaqt li r-rati għoljin ta’ rimunerazzjoni (sa 14 %) fuq il-kapital ta’ riskju tas-sieħeb privat mhux dejjem kienu jirriflettu r-riskji baxxi li kellu jerfa’. Minbarra dan, il-biċċa l-kbira mis-sitt proġetti tal-ICT li ġew awditjati ma kinux faċilment kompatibbli mad-durati twal tal-kuntratti, billi dawn kienu suġġetti għal bidliet rapidi fit-teknoloġija.

L-awdituri jgħidu li l-finanzjament tal-PPPs jinvolvi rekwiżiti u inċertezzi addizzjonali. Il-possibbiltà li l-PPPs jiġu rreġistrati bħala entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ kienet fattur importanti. Mit-12-il proġett PPP ivvalutati, 5 bi spiża totali ta’ EUR 7.9 biljun, ġew inizjalment irreġistrati bħala entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ. Din il-prattika żżid ir-riskju ta’ effetti kollaterali negattivi.

Hemm biss għadd limitat ta’ Stati Membri tal-UE li attwalment għandhom oqfsa istituzzjonali u legali adatti u adegwati, kif ukoll kapaċità amministrattiva konsiderevoli biex jimplimentaw il-PPPs b’suċċess. L-Istati Membri li saritilhom żjara ma żviluppawx politika jew strateġija ċara għall-użu tal-PPPs. Din is-sitwazzjoni ma tikkorrisponsdix mal-għan tal-UE li jiġi implimentat proporzjon akbar mill-fondi tal-UE permezz ta’ proġetti kkombinati, inklużi l-PPPs.

L-awdituri jagħmlu għadd ta’ rakkomandazzjonijiet, kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri; b’mod partikolari, li dawn:

- ma jippromwovux użu aktar intensiv u mifrux tal-PPPs sakemm il-problemi identifikati jiġu indirizzati;
- jimmitigaw l-impatt finanzjarju tad-dewmien u tan-negozjati mill-ġdid dwar l-ispiża tal-PPPs imġarrba mis-sieħeb pubbliku;
- jibbażaw is-selezzjoni tal-PPPs fuq analiżijiet komparattivi sodi tal-aħjar għażla fir-rigward tal-akkwist;
- jiżguraw il-kapaċità amministrattiva meħtieġa u jistabbilixxu politiki u strateġiji ċari fil-qasam tal-PPPs biex il-PPPs li jingħataw appoġġ mill-UE jiġu implimentati b’suċċess;
- itejbu l-qafas tal-UE sabiex il-proġetti PPP ikunu aktar effettivi, u b’hekk l-għażla tal-possibbiltà tal-PPPs tkun ġustifikata mill-kunsiderazzjonijiet rigward il-kisba ta’ valur għall-flus.

## Nota lill-Edituri

Mis-snin disgħin 'il hawn, 1 749 PPP b’valur totali ta’ EUR 336 biljun ġew implimentati fl-UE. Dawn kienu jikkonċernaw prinċipalment il-qasam tat-trasport li, fl-2016, kien jirrappreżenta terz tal-investiment kollu tas-sena, qabel il-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni.

Madankollu, il-finanzjament mill-UE li ntuża għall-PPPs kien relattivament baxx, minkejja li l-Kummissjoni Ewropea ilha għal xi snin tħeġġeġ l-użu tagħhom. Mis-sena 2000 sal-2014, 84 PPPs, bi spiża totali ta' EUR 29.2 biljun għall-proġetti, irċevew finanzjament ta' EUR 5.6 biljun mill-UE. L-Istati Membri magħżula koprew madwar 70 % tal-ispiża totali tal-PPPs li ngħataw appoġġ mill-UE matul il-perjodu 2000-2014 (EUR 20.4 biljun minn EUR 29.2 biljun) u 71 % tal-kontribuzzjoni li saret mill-UE għall-PPPs (EUR 4 biljun minn EUR 5.6 biljun).

L-għotjiet mill-Fondi Strutturali u mill-Fond ta' Koeżjoni kienu s-sors prinċipali ta' finanzjament mill-UE għall-PPPs (67 mill-84 proġett). Il-Kummissjoni tat appoġġ lis-17-il PPP l-oħra permezz ta' strumenti finanzjarji, spiss f'kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI).

Mill-2015 'il hawn, il-proġetti PPP ġew iffinanzjati wkoll taħt il-FEIS, li huwa inizjattiva konġunta bejn il-Kummissjoni u l-BEI. Mill-għadd totali ta' 224 proġett li ġew approvati sa Ġunju 2017, 18 kienu ġew identifikati bħala PPPs.

Ir-Rapport Speċjali Nru 9/2018 "Sħubiji Pubbliċi-Privati fl-UE: Nuqqasijiet mifruxa u benefiċċji limitati" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.